

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-4 ta' Frar 2013

li taħtar membru supplenti Daniż fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2013/75/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Daniż,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE ⁽¹⁾ u 2010/29/UE ⁽²⁾ li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Martin MERRILD, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

Artikolu 1

Dan li ġej huwa b'dan maħtur membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

— Is-Sur Erik FLYVHOLM, *Borgmester i Lemvig Kommune*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

E. GILMORE

⁽¹⁾ ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.

⁽²⁾ ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.